**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 09 TA' NOVEMBRU 2016**

Il-Pulizija
(Spett. Marthese Micallef u
Rodrick Spiteri)

vs

Martin Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 614258m akkuzat talli fid-19 ta' Lulju 2010 ghal habta tat-8.35pm waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Peugeot GBJ 691, fi triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, limiti Naxxar:

1. saq vettura bin-numru GBJ691 b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill Abraham Petrus Beerrs u nvolontarjament ikkagunalu offiza ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr Carlo Refalo M.D reg. no 3235mill-Isptar Mater Dei;
2. saq vettura bin-numru GBJ691 b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hla jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku tajjar lill Wephste Bart, Jum Sligtilg u Brinkhof Jocanda u involontarjament ikkagunajtilhom offizi ta' natura hafifa skond kif iccertifikaw Dr Christian Zammit M.D reg.no 3241 u Dr Paul Zammit M.D reg.no 3242 mill-isptar Mater Dei;
3. saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBJ 691 tal-ghamla Peugeot b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz tal-liema baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti fuq il-bazi tal-artikoli tal-ligi minnu citati;

Semghet lill-imputat jaghti l-kunsens tieghu li jigi gudikat minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti marbuta ma dina l-kawza huma li fil-gurnata u hin indikati fl-akkuza grupp ta' tmien zaghzagh kienu mixjin max-xellug tat-Triq Il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, biex jaqbdu s-servizz pubbliku li kien iwassalhom sa hden l-lukanda fejn kienu jalloggati f'tas-Sliema. Huma kienu kollha ta' nazjonalita Olandiza. Kienu fuq btala Malta. Appena qabel l-incident, meritu l-kawza, kienu hargu mill-istabiliment "Splash and Fun" fejn kienu qattghu qisu mill-4.30 ta' dak in-nofs ta' nhar. Kienu imxew xi metri fit-triq meta gew investiti minn vettura. Din irrisultat fil-vettura misjuqa mill-imputat bin-numru GBJ691 li kienet qed tinstaq fl-istess direzzjoni li kienu mixjin iz-zaghzagh. Mill-provi jirrisulta li z-zaghzagh kienu mixjin f'ringila wara xulxin fuq il-korsija riservata ghar-roti biswit speci ta' bankina li fiha kien hemm infilzat arblu tad-dawl. Hekk xehdu sitta miz-zaghzagh , li il-Qorti semghet 'viva voce', fatt konfermat miz-zewg guvintur l-ohra li xehdu permezz ta' ittri rogatorjali. Dina ix-xhieda mhi kontradetta mkien hlief fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li illum l-valur probatorju taghha huwa dubjuzu. Izda fuq kollox mhi retta imkien mill-provi. Anzi jirrisulta ferm kredibbli li fl-ebda hin qabel l-incident xi wiehed jew izjed miz-zaghzugh kien oltrepassa, anke minimament, l-korsija imsemmija u rifes it-triq proprja. Il-provi in atti huma skjetti u univoci fuq dan il-punt u ma jhallu ebda ombra ta' dubbju.

Intant, jirrisulta li mit-tmien zaghzagh li kienu mixjin, kif intqal, telghin it-tela, kienu erba li gew milquta. Ic-certifikati medici taghom jindikaw il-griehi li sofrew bhala 'slight save complications' fir rigward tlieta minnhom u gravi ghal dak koncernanti lil Abraham Petrus. A folio 38 tal-atti t-tabib li ezaminah l-isptar 'Mater Dei' xehed li "kien qed isofri minn griehi gravi fost affarjiet ohra u kellu ksur f'idu l-leminija" konfermat dan mic-certifikat mediku a folio 33 u x-xhieda li huwa ta permezz tar-rogatorjali (folio 298). Mill-ittri rogatorji jidher li anka fir-rigward Jim Sligting, li skond ic-certifikat mediku tieghu rilaxxjat Malta (folio 31) il-griehi gew iccertifikati bhala hfief salv komplikazzjonijiet, skond kif xehed huwa, huma fil-fehma tal-Qorti gravi taht l-Artikolu 216 u mhux taht l-Artikolu 218 bhal ma talvolta jirrisultaw li huma tal-imsemmi Petrus. Biss, ghalkemm fit-tahrika fir-rigward ta' dan Petrus, l-imputat huwa akkuzat b'offiza ta' natura gravi mhux wkoll fir-rigward Sligting fejn l-imputat huwa akkuzat ta' offiza ta' natura hafifa.

Dwar kif sehh l-incident u r-responsabilita' tal-imputat ghalih ghandu jkun wisq car li r-responsabilita' kollha ghandu jgorra interament l-imputat. M'hemm lanqas l-icken indizzju li jaghti x'jifhem li mqarr wiehed mix-zghazagh oltrepassa l-korsija riservata ghar-rota jew li ma kienux mixjin wara xulxin rasenti c-cint mat-tarf tat-triq. Madanakollu, ghalkemm, mhux car fil-kaz odjern li jigi spiegat il-kawza li wassal ghal incident, hi x'inhi din il-kawza, mill-provi, senjatament tal-espert Mario Buttigieg, nominat minn dina l-Qorti fil-kors tal-kawza, ma jirrisultax li kien hemm sewqan b'volocita' eccessiva anzi kien entro l-parametri konsentiti ghall-dik il-lokalita, igifieri, taht is-60k.f.s. li igeghel lil-Qorti teskludi sewqan bla kont jew perikoluz u tikkwalifikah bhala traskurat, ossija, sewqan li "jiddipatixxi minn, jew li ma jilhaqx li l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli u prudenti".

Ghaldaqstant, tiddeciedi li l-imputat ghandu jinstab hati kif prospettat fir-rinviju tal-Avukat Generali u cjoe li ikkaguna offiza ta' natura gravi taht l-Artikolu 216 (1)(a), Kap 9, u li ikkaguna offiza ta' natura hafifa taht l-Artikolu 216 (1)(c) tac-citat Kap; ukoll hati taht l-Artiklu 15(1)(a) Kap 65. Rat l-Artikolu 17 u 533 tal-Kap 9 u tikkundannah multa ta' €3000, sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur mill-lum u ihallas l-ispejjez tal-espert nominat u tal-proceduri konnessi mal-ittri rogatorji.

A.M.Trigona
Magistrat